Nru./No. 21,368
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tnejn, 30 ta' Diċembru, 2024**
**Monday, 30th December, 2024**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 30,191
*Government Notices* ..... *30,191*

Avviżi tal-Pulizija ..... 30,192
*Police Notices* ..... *30,192*

Avviżi tal-Qorti ..... 30,192 - 30,194
*Court Notices* ..... *30,192 - 30,194*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1825**

**AĠENT PRIM MINISTRU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħadd, 29 ta' Diċembru, 2024 , matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-28 ta' Diċembru, 2024
(OPM/19/2022)

**Nru. 1826**

**DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mit-28 ta' Ottubru, 2024.

| *Kunsill Lokali* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| L-Imtarfa | Shawn Tanti |

It-30 ta' Diċembru, 2024

**Nru. 1827**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Christopher Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Andre Farrugia u dan għall-perjodu bejn is-26 ta' Diċembru, 2024 u s-7 ta' Jannar, 2025.

Illum il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1825**

**ACTING PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Ian Borg, LLB, Dip. Not. Pub., LLD, MP, Deputy Prime Minister and Minister for Foreign Affairs and Tourism, assume the additional duties of the Prime Minister, on Sunday, 29th December, 2024, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

28th December, 2024

**No. 1826**

**LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 28th October, 2024.

| *Local Council* | *Deputy Executive Secretary* |
|---|---|
| Mtarfa | Shawn Tanti |

30th December, 2024

**No. 1827**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Christopher Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Andre Farrugia for the period between the 26th December, 2024 and the 7th January, 2025.

Today Friday 27th December, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 285**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Birkirkara**

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2025, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza Sant'Elena, Triq Santa Liena, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Trq il-Vitorja, Triq K. Sammut, Triq Tumas Fenech, Triq Għar il-Ġobon, Triq San Ġiljan u Triq Santu Rokku.

Għeluq se jkun kif meħtieġ u trasport pubbliku m'hemmx bżonn jiġi ddevjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-30 ta' Diċembru, 2024

POLICE NOTICE

**No. 285**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Birkirkara**

On Sunday, 5th January, 2025, from 7.00 a.m. till noon, through Pjazza Sant'Elena, Triq Santa Liena, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Trq il-Vitorja, Triq K. Sammut, Triq Tumas Fenech, Triq Għar il-Ġobon, Triq San Ġiljan and Triq Santu Rokku.

Closures will be as required and no diversion needed for public transport.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

30th December, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

3003

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Lulju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3782/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Lynn Ann Vella et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lynn Ann Vella, Donna Vella, Karl Vella, Amy Vella u Ricky Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Ottubru, 2023

Lil: Lynn Ann Vella (KI 10321A) ta' Chrisandra, Flt 2, Triq il-Mitħna, Il-Qala, Għawdex

Donna Vella (KI 407794M) ta' La Talpa, Triq Qalet Marku, in-Naxxar

By means of a decree of the 11th July, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3782/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Lynn Ann Vella et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Lynn Ann Vella, Donna Vella , Karl Vella, Amy Vella and Ricky Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th October, 2023

To: Lynn Ann Vella (ID 10321A) of Chrisandra, Flt 2, Triq il-Mitħna, Qala, Gozo

Donna Vella (ID 407794M) of La Talpa, Triq Qalet Marku, Naxxar

Karl Vella (KI 247897M) ta' 18, Sardinella, Fl. 6, Triq Kan G. Gatt Said, Ir-Rabat, Malta

Amy Vella (KI 172099M) ta' Rainbow Crt, Fl. 1, Triq Qawsalla, Ħad-Dingli

Ricky Vella (KI 582991M) ta' 22, Divine Mercy, Fl. 6, Triq il-Qastan, Ir-Rabat, Malta

Ben Vella (KI 10593M) ta' 97, Dale, Triq il-Pedidalwett, Is-Swieqi,

Bħala eredi ta' Martin Vella (KI 866953M)

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,869.14, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista ta' l-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000074113 ossija dwar il-fond bl-indirizz 112, St Anthony, Triq Napuljun Caruana Dingli, Il-Mellieħa.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' Diċembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Karl Vella (ID 247897M) of 18, Sardinella, Fl. 6, Triq Kan G. Gatt Said, Rabat, Malta

Amy Vella (ID 172099M) of Rainbow Crt, Fl. 1, Triq Qawsalla, Ħad-Dingli

Ricky Vella (ID 582991M) of 22, Divine Mercy, Fl. 6, Triq il-Qastan, Rabat, Malta

Ben Vella (ID 10593M) of 97, Dale, Triq il-Pedidalwett, Swieqi,

As heirs of Martin Vella (ID 866953M)

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,869.14, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 101000074113 regarding the premises with address 112, St Anthony, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieħa.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 26th December, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3004

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Noel Muscat vs Clayton Muscat, Rikors numru 136/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Clayton Muscat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Noel Muscat vs Clayton Muscat ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-12 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrenti Noel Muscat (KI 71569M) talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat huwa moruż fil-ħlas ta' kera tal-kuntratt datat 18 ta' Novembru, 1994, kif fuq spjegat għall-fond 61, Casa Helvic, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin, u għat-tliet garaxxijiet 1, 2 u 3, fl-ammont ta' Lm12,00 ossija €27,952;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-kirja de quo ġiet ipso iure terminata u b'hekk għandha tiġi terminata ai termini tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-istess skrittura fuq riferita;

3. Konsegwentement jordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tal-intimat mill-fond 62, Casa Helvic, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin, u tliet garaxxijiet;

4. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat huwa responsabbli biex iħallas bħala kumpens tal-okkupazzjoni tal-fond 62, Helvic, Triq Ċensu Busuttil, L-Iklin, u tliet garaxxijiet sad-data tar-ritorn tal-fond;

5. Jikkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' Lm12,000 ossija €27,952 sad-data taċ-ċediment tal-fond oltre l-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament;

6. Bl-ispejjeż komprisi dawk tal-ittra uffiġjali datata 12 ta' Diċembru, 2023, u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Notifika intimat: Helvic, 67, Triq C. Busuttil, L-Iklin

Ir-rikors fl-ismijiet Noel Muscat vs Clayton Muscat, Rikors numru 136/2024CG, jinsab differit għat-30 ta' Jannar, 2025, fl-9.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Diċembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 7th October, 2024 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Noel Muscat vs Clayton Muscat, Application number 136/2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Clayton Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Noel Muscat vs Clayton Muscat filed before the Rent Regulation Board, on the 12th March, 2024, the applicant Noel Muscat (ID 71569M) requested this Honourable Board to:

1. Declare and decide that the respondent is late in the payment of rent of the contract dated 18th November, 1994, as above explained for the premises 61, Casa Helvic, Triq Ċensu Busuttil, Iklin, and for the three garages 1, 2 and 3, in the amount of Lm12,00 or rather €27,952;

2. Declare and decide that the lease de quo was ipso iure terminated and thus is to be terminated in terms of Chapter 69 of the Laws of Malta and in terms of the same writing above referred to;

3. Consequently order the eviction within a short and peremptory time of the respondent from the premises 62, Casa Helvic, Triq Ċensu Busuttil, Iklin, and three garages;

4. Declare and decide that the respondent is responsible to pay as compensation for the occupation of the premises 62, Helvic, Triq Ċensu Busuttil, Iklin, and three garages till the date of the return of the premises;

5. Condemn the respondent to pay the amount of Lm12,000 that is €27,952 till the date of deposit of the premises besides legal interest till the date of effective payment;

6. With costs including those of the judicial letter dated 12th December, 2023, and those of the precautionary garnishee order.

Respondent: Helvic, 67, Triq C. Busuttil, Iklin

The application in the names Noel Muscat vs Clayton Muscat, Application number 136/2024CG, has been postponed for hearing to the 30th January, 2025, at 9.50 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th December, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*